# SKOPERTA NTERESSANTI FL-ISFERA

*Minn Pawlu Dimech*



❑ Fix-xahar t'April ta' din is-sena, waqt li kien qed issir tindif ta' l-isfera l-kbira tal-festa minn Bro Jesmond Ciantar O.F.M. Kappuċċin nstabet skoperta nteressanti fl-isfera. Biex issir it-tindif sewwa ġew żarmati xi partijiet żgħar minnha u propju taħt wieħed mit-tliet anġli fil-parti t'isfel tagħha, dak tal-faċċata dehret id-data 1742.

Dan ifisser li l-parti t'isfel ta' l-isfera tmur lura mal-260 sena, 1742 - 2002. L-isfera kienet saret bit-tħabbrik ta' l-ewwel prokuratur tal-Knisja, Patri Rafel Hockey Franġiskan Kappuċċin. Għalhekk jidher li l-parti t'isfel inġiebet minn xi oġġett antik filwaqt li l-parti ta' fuq li hija tal-fidda saret fil-1916 u ġiet indurata bid-deheb. L-isfera hija waħda mill-oġġetti sagri l-aktar prezzjużi li għandna fil-Knisja Matriċi u parrokkjali tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa. Hija mżejjna b'diversi ġojjelli, djamanti u rubini li ngħataw mill-benefatturi s-sinjura Teodolinda Razzini b'memorja ta' żewgħha Pawlu u tas-Sinjura Marija Carmela Balbi. Tkun ħaġa sabiħa li napprezzaw tant teżori ta' l-arti li tkun imżejjna bihom il-knisja tagħna speċjalment fil-festa titulari li juru l-fidi, l-imħabba u s-sagrifiċċji biex saru minn missierijietna.